# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 13 ta' Lulju 2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Kitcher)**
**(Spettur Karen Cassar)**

**vs**

**Stephen Tonna**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat: STEPHEN TONNA, iben Paul u Margaret Tonna nee' Sultana, imwielda H'Attard nhar is-26 ta' Gunju 1978, residenti fil-fond Unit 1 Blk E, Flat 4, Triq il-Knisja, Paola u detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numri 0371778M;**

**Akkużat talli:** *bejn it-3 ta' Lulju 2025 u l-11 ta' Lulju 2025, fi Triq San Tumas, Tarxien u/jew fil-vicinanzi:*

1. *Xjentement u mingħajr skuża raġonevoli kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta mahruga taħt l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.*

*Artikolu 412Ċ (11) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Xjentement ġab ruħu b'mod li l-imġiba tieghu tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi.*

*Artikolu 251AA tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Xjentement wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberazzjoni kondizzjonata u dan ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza deciza nhar it-12 ta' Mejju 2025 mill-Magistrat Dr. Nadine Sant Lia LL.D.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba fil-każ ta` ħtija għar-reati imsemmija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba li ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Thea Calleja, kif ukoll sabiex tipprovdi għas-sigurtà tax-xhieda kollha li eventwalment jiddeponu f'din il-kawza, bil-għan li x-xhieda kollha jkunu protetti minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġunalhom biża' ta' vjolenza;*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba wkoll li fil-każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew ta' kull artikolu ieħor tal-liġi li jista' jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni.*

**Rat id-dokumenti esebiti** fosthom il-fedina penali (Dok GK 1), l-*current incident report* (Dok GK 4) u l-atti processwali kollha.

**Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu** anke wara li l-Qorti wissietu dwar il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u tatu żmien biex jerġa jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u jerga jikkonsulta ruħhu mal-avukat.

**Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena** idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat għar-reati addebitati lilu fejn il-prosekuzzjoni ssuġġeriet piena ta' sena priġunerija sospiża għal sentejn u ordni ta' trażżin għal benefiċċju ta' Thea Calleja. Id-difiża minn naħa tagħha rrimettiet ruħha għall-piena suġġerita mill-prosekuzzjoni.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement ippruvati skond il-Liġi.

Illi sabiex tigi kkalibrata l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tiegħu, iċ-ċirkostanzi li wasslu għar-rejat u

kif ukoll dak sottomess minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni tagħhom illum.

***DECIDE***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 412Ċ (11) u 251 AA tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **STEPHEN TONNA** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah **għal perijodu ta' sena (1) priġunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jiġi sospiż għal perijodu ta' sentejn (2) millum. Inoltre l-Qorti qeda tagħti wkoll lill-ħati u toħrog kontra tieghu Ordni ta' Trażżin fir-rigward ta' Thea Calleja liema Ordni huwa soġġett għall-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni mogħti kontestwalment u anness ma' din is-sentenza.**

Il-Qorti spjegat lill-ħati **STEPHEN TONNA** fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma nġabet ebda prova in rigward.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u ta' din is-sentenza bil-meżż u fiż-żmien pprovdut mill-Liġi.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**13 ta' Lulju 2025**